L-EWWEL KTIEB TAT-TLIETA U TLETIN SENA

MARZU 1956

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-EDITUR—It-Tagħlim tal-Malti faċċ. 3

C. CASSAR, M.D.—*Doqqu ja qniepen* ,, 5
ĠUŻE' CHETCUTI—Giovanni Curmi, Poeta ,, 6
DUN FRANS CAMILLERI—*Xenqet iż-Żgħożija* ,, 13
L-EDITUR—Nifirħu ,, 15
JOHN SCIBERRAS—*Inżul ix-xemx tat-Tnejn ta' Mejju, 1952* ,, 16
VINCENT CARUANA—*Siġġijiet* ,, 17
a.c.—Multum in parvo ,, 21
VINCENT UNGARO—*Immorru* ,, 22
L-EDITUR—Il-Mewt ta' Arthur Vassallo ,, 23
REĊENSJONIJIET ,, 24

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1956

# It-Tagħlim tal-Malti

*KEMM ilu jinkiteb il-Malti, jiġifieri minn xi mitejn u ħamsin sena 'l hawn — b'kitba li nsibuha f'manuskritti jew stampata — qatt ma nħass il-bżonn li l-Malti nitgħallmuh skond ma titlob is-sengħa ta' l-iskola daqs kemm mindu l-Malti daħal fl-amministrazzjoni, fil-qrati, fl-iskejjel u fl-Università, jiġifieri minn xi għoxrin sena 'l hawn.*

*Iżda, nistgħu ngħidu illi l-Malti fl-iżvilupp skolastiku tiegħu l-lum laħaq dak il-livell li jmissu laħaq? — Minn mindu nħolqot il-"Għaqda", li qajmet rivoluzzjoni sħiħa fil-kitba Maltija b'alfabet u b'ortografija li l-lum hija fl-użu uffiċjali, skolastiku, letterarju u ġornalistiku, minn mindu l-bibien ta' l-iskejjel governativi u ta' l-università nfetħu għat-tagħlim tal-Isien Malti fuq sistema grammatikali u didattika magħrufa u użata f'dawn l-aħħar għoxrin sena, il-Malti baqa' miexi bi qlugħ miftuħa f'baħar li ma nistgħux ngħidu li dejjem kien għalkollox sabiħ, il-għaliex 'l hawn u 'l hinn xi riħ kuntrarju ġie li fixklu fil-mixja tiegħu u l-mewġ ġie li heddet li jħebb għad-dgħajsa tiegħu.*

*Il-"Għaqda", li l-lum tista' tgħid hija bil-jedd kollu l-avangwardja tal-Lsien Malti, baqgħet b'għajnejha miftuħa biex ma tħallix illi l-Lsien Malti jitlef mill-progress u ġieħ tiegħu, u l-ewwel ma fettxet illi barra milli tħeġġeġ il-kittieba żgħażagħ u xjuħ biex ikattru u jorqmu l-kitba letterarja Maltija, qabel xejn u fuq kollox—ħaġa li tagħmel mill-ħajja fondamentali tal-kitba Maltija—tħeġġeġ ukoll it-"tagħlim" tal-Malti fuq sistema ortografika u grammatikali soda. F'hekk nibżgħu illi l-Malti 'l hawn u 'l hinn maż-żmien ġie li tilef mill-importanza pedagoġika tiegħu b'tagħlim u metodi li dehru ftit u xejn superfiċjali bil-pretest li ma jitgħabbiex il-moħħ tal-ġenerazzjoni li tielgħa, li fih il-fakultajiet mentali, għat-tagħlim f'daqqa ta' materji oħra, huma limitati. U din hi l-ħtija li l-Malti għadu ma laħaqx sewwa dik il-perfezzjoni ta' kitba li wieħed għandu jistenna minn xi*

*studenti, li, għalkemm tkaxkru sakemm għaddew mill-għatba ta' l-Università, baqgħu għajjiena. Din hi l-ħtija wkoll li minn xi snin 'il hawn oħrajn li ħarġu minn xi skejjel ma wrewx li l-Malti jafuh grammatikalment sewwa bħal oħrajn li qabel kienu tgħallmuh fuq prinċipji u metodi iżjed razzjonali minn tal-lum.*

*Aħna nafu illi l-lum l-istudent hu mgħobbi bi studji oħra li jiħtieġlu jilħaq magħhom ukoll, studji li huma ta' importanza kbira, iżda sew għal dawk li 'l quddiem ma jkollhomx bżonn ħlief jinqdew bil-Malti, kemm għal dawk li, barra mill-Malti, jiħtieġu għal finijiet industrjali, tekniċi jew professjonali jkunu jafu sewwa bl-Ingliż, kif ukoll xi lsien barrani ieħor, il-Malti l-lum jiħtieġ li jkunu jafuh skond ma jixraq sew bħala mezz ta' tagħlim tekniku, reliġjuż, didattiku għat-tagħlim ta' ilsna oħra, kemm bħala lsien uffiċjali fil-qrati u f'dokumenti legali u kummerċjali u għal xi korrispondenza familjari, jew għal xi qari utili, l-iktar għal dawk li ma jafux ħlief bil-lsien Malti.*

*Sakemm il-Malta kien fil-bidu tal-ħajja letterarja u uffiċjali tiegħu kienet ħaġa ta' min jagħdirha li avukat, nutar, skrivan, eċċ., ma jkunx jaf jikteb il-Malti kif jixraq, iżda l-lum li l-Malti ilu fl-iskejjel għal madwar għoxrin sena huwa għajb kbir li l-Malti għadu jinkiteb ħażin ukoll minn nies li ma ilhomx li ħarġu mill-Iskejjel.*

*Mat-tnax-il sena ilu f'editorjal ta' "Il-Malti" kien hemm xi osservazzjonijiet fuq it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel li fihom kien jidher li wkoll sa minn dik il-ħabta t-tagħlim tal-Malti kien qed jitnaqqas mill-importanza tiegħu. Ma jidhrilniex li għandna ntennu b'paragrafu b'paragrafu dak li ntqal fuq hekk f'dan l-editorjal għax nibżgħu li nħammru iżjed minn wiċċ wieħed. Intennu biss xi osservazzjoni żgħira li tista' żżid mal-piż ta' kliemna. F'wieħed mill-paragrafi kien intqal:* Nistgħu ngħidu li aħna issa mexjin fuq art soda, li minn waqt għal ieħor saqajna ma jirfsux fuq biċċa art qarrieqa li titfagħna ġewwa xi dagħbien għalkemm it-triq tidher watja u sħiħa? — Għad illi sakemm ilħaqna f'tarf ta' triq li minnha telgħin għal fuq il-għolja tal-Lsien Malti aħna għalibna x-xkiel ta' bosta ħotob u ħofor u rdum...... u l-Lsien Malti sab ruħu mqiegħed ma' ġenb il-għamara ta' ilsna wisq jxieħ minnu bħala ilsna skolastiċi u akkademiċi, aħna m'għandniex nitqarrqu b'dik il-qagħda hekk sabiħa tal-Malti, il-għaliex jekk iktarx iċ-ċirkostanzi politiċi setgħu fetħu t-triq lill-Malti

biex jitwettaq fil-qagħda tiegħu tal-lum, ċirkustanzi oħra jistgħu dlonk jinbtu—u kif jidher qegħdin bil-hajra li jinbtu—bil-ħsieb li jwarrbu l-Malti mill-qagħda sabiħa li fiha jinsab, billi jibdew inaqqsulu xi jedd mill-iċken skejjel u jispiċċaw biex bil-ftit il-ftit...... ilewtuh il barra mill-bibien ta' skejjel oħra, skejjel sekondarji u klassijiet Universitarji.

Aħna nittamaw li dana ma jiġrix, iżda biex ma jiġrix jiħtieġ nftħu għajnejna u nilqgħu ruħna fil-waqt.

*Il-lum aħna mill-banda tagħna nistgħu ntennu l-biċċa l-kbira li ntqal f'dak l-editorjal għaliex milli jidher it-tehdida flok ma naqset qiegħda tikber u għalhekk jinħtieġ li aħna nilqgħu l-periklu billi l-ewwelnett nuru l-ħtieġa illi t-tagħlim tal-Malti* għandu jinbeda *fuq metodu ta' tagħlim sod mibni fuq pedamenti grammatikali li fil-Malti huma l-qofol ta' kitba tajba.*

——— A. Cremona

## DOQQU JA QNIEPEN

*Ta'* C. CASSAR

Teptip ta' kwiekeb, ġmiel fis-sema w ħlewwa,
    Żerniq u safa', qmura sbieħ u dija,
Baħar ħiemed bla mewġ, dwal barra u ġewwa,
    Tisfir ta' sfafar, daqq, qbiż u bżulija.

Heġġa fil-qlub u maħfra bejn l-għedewwa,
    Erwieħ ferħana f'telqa ferreħija,
Ir-riżq imxerred fuq il-Haqq u s-Sewwa,
    Imħabba safja u bews ta' ħbiberija.

Nisa jisaħru tul il-lejl ferħana,
    Tfal jaqbżu donnhom ħrief, xjuħ imbissmin,
Holm iż-żgħożija fuq ġwenħajn il-għana,

    Mal-Missier wieħed marbutin l-ulied,
Smewwiet u art jitgħannqu ma' xulxin.
    Doqqu ja qniepen, wasal il-Milied.

# Giovanni Curmi, Poeta

*Studju Kritiku ta'* ĠUŻE' CHETCUT.

II

MILL-FERH taż-żgħużija kif interpretat fl-ewwel liriċi li kiteb, issa nidħlu fit-tieni fażi tal-karriera letterarja ta' Giovanni Curmi. Mhux aktar dawk l-ideat li jittajru fis-sħab, mhux aktar dik l-immaġinazzjoni eterea ta' żagħżugħ mitluf wara l-pjaċiri tad-dinja, imma konċetti maħduma fuq is-sentiment, ħsibijiet mibnija fuq ir-realtà, rifless ta' qalb kbira u sensibbli ta' poeta-missier. "Il Canzoniere della Bambina" (1940) jagħtina impressjonijiet u sentimenti ta' mħabba tal-familja li fih naraw li l-moħħ tal-poeta beda jaħdem fil-milja tal-maturità tiegħu.

"Delikat is-sentiment, fina u ħajja l-espressjoni, ħelu r-ritmu......" (Guido Mazzoni). "......Għoġobni ħafna 'Il Canzoniere della Bambina' għat-tqanqil sinċier imfisser b'mod sempliċi u magħqud" (Francesco Chiesa). "Fil-'Canzoniere' hemm poeżiji delikati, b'mod speċjali dawk kollha miġbura taħt l-isem 'Il Nido', u nara illi inti ma kienx jistħoqqlok dak it-tmaqdir meta għidt 'il-versi mill-iżjed koroh tal-papà'. Le, dawk il-versi huma sbieħ u ktibthom kif ħassejthom" (Sabatino Lopez). "......hemm fihom umanità ġentili, ħlewwa ta' poeżija moderna" (Michele Saponaro). "Qrajt il-'Canzoniere della Bambina' u nħoss illi hu mexxej, ċar, sempliċi, u xhieda ta' ħila kbira sew fit-teknika kemm fil-lingwa" (Adriano Tilgher). "Ktieb delikat, bħalma delikata l-materja; imma ġagħalni ngħix mill-ġdid, b'effett kbir ħafna, dawk l-istess sigħat, l-istess emozzjonijiet li għaddejt minnhom jien ukoll. Nifraħ miegħek, u miegħek, jaħasra, intenni:

Ancora bambina rimani
...................... allora
tu non sarai più mia" (Antonio Bruers).

Minn dawn il-kommenti wieħed jista' jara kemm il-poeżija ta' Giovanni Curmi hi milqugħa tajjeb fl-Italja. Giovanni Curmi hu l-poeta tal-familja "per eċċellenza", il-poeta ta' l-imħabba. Mhux dik l-imħabba mdardra tal-poeti dekadenti Franċiżi, imma mħabba safja, biex ngħid hekk divina, lejn martu, lejn bintu u lejn dak kollu li jsawwar il-ħajja intima tiegħu. Fil-'Canzoniere' għandna l-ħin kollu quddiemna x-xbiha ta' bintu. B'intwizzjoni profonda l-poeta jfittex l-ispirazzjoni tiegħu fi ħdan il-mara li sa ssir omm, fin-nieqa ċkejkna li tidher qisha "oġġett ta' ħolm u

poeżija", u fit-twelid ta' tarbija li l-poeta f'ġenn ta' ferħ isejjaħlu "un miracolo d'amore", miraklu ta' mħabba. Sentimenti delikati u immaġinazzjoni oriġinali u sabiħa nsibu f'dawn il-versi meħuda mill-poeżija "Il Nido":

"Dimmi: avrai bruni gli occhi o cilestrini?
li avrai biondi i capelli o li avrai neri?"
Tesse con la sua mano corpettini,
e nella mente tesse i bei pensieri.

"Mamma, io sono ancor così piccino!
mamma, non so come si fa a parlare."
Ella sogna: ed intanto il bel bambino
si dà più forte in grembo a sgambettare.

Cuce e guarda i nastrini color rosa,
i nastrini color bianco e lillà:
mentre cuce, ogni tanto, si riposa;
sorride al suo piccino che verrà.

Din is-sinċerità fl-ispirazzjoni u tqanqil ta' mħabba safja nsibuhom fil-poeżija "Maternità" ta' Ada Negri:

Io sento, dal profondo, un'esile voce chiamarmi:
sei tu, non nato ancora, che viene nel sonno a destarmi?

Il-poeżija, il-vera poeżija, hija dik miktuba fuq is-sentiment, dik il-poeżija li tmiss l-aqwa korda tal-qalb: l-imħabba. Kull poeżija oħra, sabiħa kemm hi sabiħa, jekk ma tmissx il-qalb, mhijiex ħlief warda li tiftaħ fil-għodu biex tingħalaq u tmut fil-għaxija. Il-poeżija ta' ħajja twila jkollha l-egħruq tagħha mqabbdin fil-qiegħ tal-qalb: passjoni u ħeġġa ta' mħabba, maturità u esperjenza tal-ħajja, naturalezza u spontanejtà fl-espressjoni, ġmiel u qawwa fil-ħsieb oriġinali, dawn huma l-karatteristiċi li jsawru l-poeżija kbira. Fil-fehma tiegħi l-poeżija ta' Giovanni Curmi fit-tieni u t-tielet fażi tiegħu letterarja tilħaq dan il-grad għoli.

It-tqanqil tar-ruħ tiegħu sensittiva jiġbor f'sensiela waħda l-ġrajjiet li jdommu l-ħajja tal-familja tiegħu. Kull deskrizzjoni, kull djalogu ma' bintu, kull argument huma mżewqa bl-ilwien ta' immaġinazzjoni ħelwa, u minn poeżija għal oħra nsibu l-forza lirika soġġettiva magħquda mal-forza lirika objettiva. "La Culla"

(Il-Benniena) tiġbor f'żewġ kwartini ħsieb sempliċi imma mimli bin-nobiltà ta' l-ispirazzjoni, dik l-istess nobiltà li ispirat lil Dun Karm meta kiteb il-poeżija "Omm". Ħsibijiet u xbiħat jaddattaw irwieħhom għar-ritmu tar-ruħ meditativa ta' Curmi, u dawk il-ħsibijiet u xbiħat jiġbru fihom ħafna drabi ħjut irqaq, li ma jidhrux, li jgħaqqdu b'effett kbir dak li hu reali ma' dak li hu fantastiku, il-fiżiku mal-metafiżiku, is-sens spiritwali mas-sens materjali. Kif nistgħu naraw ċerti poeżiji jiftħu b'viżjoni kważi materjali u jibqgħu jogħlew u jisseqqru 'l fuq sa ma jilħqu l-ogħla u l-isbaħ immaġinazzjoni. Nieħdu bħala eżempju l-poeżija "Battesimo" : il-poeta jqegħdilna quddiemna dak in-nhar tal-magħmudija lil bintu tarbija f'idejn nannuha u nannitha, rieqda tistħajjilha Ġesù Bambin, u anki meta s-saċerdot tefa' fuqha l-ilma mbierek dik it-tarbija baqgħet rieqda. Sa hawn għandna l-kwadru materjali, imma fuq dak il-kwadru, minn dik l-idea ta' l-irqad il-poeta jislet il-motiv spiritwali : ir-raqda tar-ruħ mid-dnub il-mejjet :

Così possa l'anima tua
dormire sempre per il peccato.

Hekk ukoll fil-poeżija "Il Giuoco" għandna s-sens materjali mħallat b'sengħa artistika ma' l-ispiritwalità ta' l-imħabba u mal-filosofija tal-ħajja. It-tifla bħas-soltu trid tilgħab, tibni l-kastelli wieħed wara l-ieħor. Meta missierha jibnilha kastell tkun tridu jerġa' jġarrafhulha, u hi tidħak, u hekk kasteli wara l-ieħor jinbnew u jiġġarrfu. L-istess bħal din il-logħba hija l-ħajja tiegħu, kif jaraha l-poeta stess :

Bambina. la mia vita tutta quanta
è stata un incessante costruire
di piccoli castelli tutti in aria
che ad uno ad uno poi miseramente
son crollati. lasciando sol rovine.
Però non sorridevo io no, bambina,
quando, angosciato, li vedea crollare
quei miei castelli, tutti costruiti
coi sogni del mio cuore più soavi.
....................................
....................................
E, anche oggi, crollan l-uno dopo l-altro,

però di lor ruina, oggi, io sorrido.

Ma setax jonqos li r-realiżmu ma jagħmilx parti mill-poeżija ta' Giovanni Curmi. Realiżmu u fantasija jifformaw l-isfond intellettwali tal-poeżija tiegħu. Giovanni Curmi hu poeta riflessiv li jaf josserva kulma jara, u kulma jara jaf ipinġih f'erba' pinzellati ħfief u effettivi. Ta' min jinnota s-sens qawwi ta' realiżmu fil-versi li ġejjin meħuda mill-poeżija "Nastro Bianco":

Squarcia la notte taciturna e pura
un altissimo grido di dolore:
nel mondo, per miracolo d'amore,
è venuta una nuova creatura

Dawn il-versi fihom dik il-qawwa dinamika u profondità ta' ħsieb u sentiment li nsibu fil-poeżija ta' Ada Negri — il-poeżija "Martha":

E gemè senza freno—e allor che sorto
fu il pallido mattin, la sventurata
con un urlo di bestia lacerata
mise a la luce un angioletto morto.

Fil-poeżija "Tenui Cose" l-poeta jibni kuntrast bejn iż-żmien taż-Żgħużija meta d-demm ikun ibaqbaq fir-ruħ.li ma għandhiex kwiet, meta għall-poeta fix-xewqa li jimxi 'l quddiem il-baħar kbir jidhirlu żgħir u d-dinja bla lwien u fiergħa, u ż-Żmien l-ieħor meta fil-paċi tad-dar u l-kwiet tar-ruħ jara lil bintu ċkejkna tgħajjat u tidħak jekk tilmaħ dubbiena ttir, jew werqa titbandal fil-ġnien, inkella xi għasfur jittajjar jew farfett jistrieħ fuq il-ward. Ħwejjeġ żgħar! Ħwejjeġ żgħar li jferrħu tarbija imma li l-poeta f'żgħużitu kien nesa fit-taħbit u fil-ġenn ta' passjoni bla rażan.

L-immaġinazzjoni tal-poeta fl-imħabba għal bintu narawha wkoll fil-poeżija bi strofa waħda "Natale" (Il-Milied):

Bimba è Natale: in cielo, a mezzanotte,
angioletti lucenti vanno a frotte
ad annunziar che è nato il Re dei re,
e son belli, bambina, come te.

Binti, il-Milied: fis-sema, f'nofs il-lejl,

nezlin mimlija ferħ anġli qatigħ,
iħabbru : twieled is-Sultan tas-slaten,
u bħalek, binti, bħalek huma sbieħ.

Ma' l-immaġinazzjoni, in-natura, l-imħabba u t-tiġrib tal-ħajja ibbażati fuq element reliġjuż jagħmlu parti integrali mill-poeżija ta' Curmi. Għall-poeta, Alla hu fuq kollox, il-bidu ta' kollox, għajn ta' l-akbar imħabba li qatra minnha hi biżżejjed biex issaffi l-kalċi ta' l-imrar. Fil-poeżija "Gioia", il-poeta jrodd ħajr lil Alla għall-ġid li xerred fost l-umanità :

O Tu, Dio buono, quante buone cose
hai dato all'uomo perchè sia contento!

Fil-poeżija "Colloqui" naraw kemm tenerezza ta' ħsieb tinsab miġbura fil-versi hu u jitkellem ma' bintu fuq Alla :

— E Dio chi è? — domanda la bambina.
— Dimmi, babbo, chi è Dio, se tu lo sai. —
— Tu, cara, sei ancor troppo piċċina,
ma, fatta grande, lo comprenderai. —

Imma dik it-tifla fuq ix-xwiek baqgħet tinsisti biex tkun taf min hu Alla. "Alla," weġbha missierha, "hu Dak li ħalaq l-art, il-bnedmin, ix-xtieli, l-arja, l-ibħra, il-ħut, l-agħsafar u d-dbejjeb selvaġġi". U dik it-tifla fil-ħlewwa ta' l-innoċenza tagħha tkompli ssaqsi :

— Ed anche me! — esclama essa ad un tratto.
— Si, bambina, anche te; t'ha fatta Dio. —

Il-fjamma ta' l-imħabba meta tkun tixgħel f'qalb safja ma tintefa qatt. Dun Karm igħidilna :

Bħall-ilma l-imħabba
tkun safja, jekk safja
il-qalb fejn titrabba.

Il-qalb tal-poeta tagħna tinfexx fl-imħabba tad-dar. Għalxejn, barra, tiħrax u tiqliel it-tempesta, u l-beraq jofroq id-dalma tal-lejl. Il-poeta jwennes lil bintu u jgħidilha biex ma tibżax :

Non avere paura,
bambina,
della tempesta oscura
che ci circonda!
....................
....................
Vedi, io ti proteggo
con le mie solide braccia,
e premo forte
contro la mia
la tua piccola faccia.

U minn dan il-ħsieb ħelu ta' l-imħabba, il-moħħ tal-poeta jimraħ fir-realtà iebsa tal-ħajja, jiftakar fil-ħażen tad-dinja, fl-uġigħ u fil-ħqir, u jrid illi lil bintu jħarisha matul ħajjitha mhux mill-ħsejjes tax-xita u r-ragħad imma mill-għajb u l-qerq tal-bnedmin.

Alla ta lill-bniedem is-siġra tat-tbatija, imsoqqija bid-dmugħ u bl-imrar, u aktar ma jikber aktar dik is-siġra tikber miegħu, u aktar jitwalu u jitferrxu l-friegħi tagħha. Għalhekk il-poeta lil bintu jridha tibqa' tarbija biex, filwaqt li taħrab id-dinja bil-għawġ kollu tagħha, tibqa' fl-istess ħin għal dejjem tiegħu : Irridek tkun tiegħi, igħidilha, kollok kemm int, b'dak ġismek ċkejken u qalbek, u ħsiebek. Għax meta tikber u jkollok, mhux aktar kif ingħidlek jien, imma kif tħosshom int, il-ħsibijiet, il-ħolm, ix-xewqat u l-poeżija tiegħek, allura, ja binti, int ma tibqax aktar tiegħi :

Quando più grande sarai,
bambina, ed avrai,
non più da me suggeriti,
ma da te stessa nati e nutriti,
i "tuoi" pensieri,
i "tuoi" sogni e i "tuoi" voleri,
e la "tua" poesia,
bambina, allora,
tu non sarai più mia.

L-aħħar poeżija tal-"Canzoniere della Bambina" li tagħlaq it-tieni fażi tal-ħajja letterarja ta' Curmi tiġbor fiha ammissjoni

sħiħa tal-poeta-misser li jara f'bintu l-unika u l-aqwa poeżija :

Mai così dolce in tutta la mia vita
il canto per le vene mi fluì,
io mai la poesia non l'ho sentita
bella e potente e fulgida così,
come questa, bambina, che t'inonda
d'una splendida luce di zaffir,
come questa che tutta ti circonda
d'ansie ardenti e di trepidi desir.
Rinnego tutta l'altra poesia
della mia prima triste gioventù,
tutto quello che scrissi era follia,
la poesia sincera, ecco, sei tu.

.....................................

.....................................

Qatt f'ħajti kollha ma ħassejt il-għanja
minn demmi tfur hekk ħelwa u hekk qawwija,
jien qatt il-poeżija ma ħassejtha hekk kbira,
u hekk sabiħa u hekk bil-ġmiel mimlija,
bħal din, ja binti, li timlik u tferrħek
bid-dawl mill-isbaħ ta' l-isbaħ żaffir,
bħal din, ja binti, illi ddawrek kollok
b'xewqat ta' ansjetà, u ta' ferħ kbir.
Niċħad il-poeżija li ktibt kollha
meta kont għadi fl-għatba taż-żgħużija,
dak kollu ma kienx ħlief bluhat u frugħa,
int biss għalija l-aqwa poeżija.

F'din it-tieni taqsima ta' kritika fuq il-poeżija ta' Curmi rajna l-poeta jikteb fuq l-egħżeż ħaġa li għandu fid-dinja : il-familja. Lirika ta' mħabba għanja fis-sentiment daqs kemm hi sabiħa u meqjusa fil-għażla tal-kelma u r-ritmu tal-versi. Għax l-imħabba, bħal warda delikata, tiftaħ għax-xemx tal-poeżija biss f'dik il-qalb safja li hi l-qalb tal-poeta.

# XENQET IŻ-ŻGĦOŻIJA

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Meta minn wiċċha sbejjaħ
jgħibu mgħaġġlin l-aħħar wardiet u lwienha
bil-ġmilijiet u l-fwejjaħ,
tħalli r-Rebbiegħa d-diqa
f'kull qalb li tħobb titgħaxxaq bin-Natura,
minn ġmielha biss mixtieqa.

X'hin l-omm, f'wiċċ it-tarbija,
tilmaħ is-sfura u tħoss tal-mewt il-kesħa,
tinfexx, b'qalbha mbikkija,
tbusha f'ħaddejha u f'idha,
donnha tistenna li treġġagħha għall-ħajja,
kif ratha fi twelidha.

Kemm niket taf din qalbna!
U kemm demgħat moħbija jċarċru siekta
mal-krib muġugħ ta' talbna!
Malajr imut ġo fina
il-ferħ malli nitilfu dak li darba
kien hekk għażiż għalina.

Iżda ma ddumx qalila
l-għalqa ġo qalbek jekk iż-żmien iroddlok
bħal li tkun tlift: ftit ilha
li ntfiet l-aħħar Rebbiegħa......
u l-oħra waslet, kollha lwien u fwieħa......
U int terġa' tifraħ biha.

Ix-xitwa tgħib quddiemha
u f'qalbek tfeġġ mill-ġdid sabiħa t-tama
li troddlok ferħ u sliema.
Għad jiġi ż-żmien: fin-nieqa
tbennen dik l-omm tarbija oħra ħelwa
li lilha, b'qalb mixtieqa,

stenniet........ u b'tama sħiħa
refgħet għaliha fil-kexxun, mgħoddija,
l-ilbiesi kollha fwieħa
ta' dik li qiegħda l-Ġenna.........
u tħossha tinsa t-telfa u l-għalja tagħha
u l-qalb mill-ġdid tithenna.

* * *

Mhux hekk żgħożiti. Imweġġgħa
inħoss 'il qalbi meta s-snin imgħaġġla
tar'hom jisirqu l-ħeġġa
li kienet tmewweġ fiha,
u tnin bil-għeja tat-tħabbit mal-ħajja,
mal-ħarba ta' kull siegħa.

Qatt daqs il-lum qasira
ma rajtha lil ħajjitna. Oh, kemm jitnikket
minn ħajtu, b'qalbu kbira,
jagħti għat-tixrid tal-Ħniena
u tas-Sbuħija........ mbagħad isib hekk f'daqqa
ħajtu fit-tmiem, għajjiena......

U jilmaħ bla mitmuma
dawk l-Ideali sbieħ li biss għalihom
kien għax u xtaq maħduma.
Għalhekk, fis-skiet, miksura,
il-qalb li għadha trid, tħossha tinħaqar
u mxennqa tħares lura......

Tħares lejn ir-Rebbiegħa
li tiġi darba biss fil-ħajja tagħna
u tfawwar bħal nixxiegħa
ta' mħabba safja u ħeġġa
biex terfa' l-qlub maħqura u tagħti l-faraġ
lil min qiegħed iweġġa'.

Iżda, sakemm ġo qalbi
jibqgħu dawn l-Ideali u jdawlu 'l ħajti

u jħeġġu lili u 'l talbi,
bihom, waqt li nitħenna,
ma tmurx għal kollox ir-Rebbiegħa fija
u hieni t-tmiem nistenna.

Ja Mħabba taż-Żgħożija,
oh, li kont taf il-ferħ li jibqa' jħaddar,
sa fl-eħrex tax-xjuħija,
fil-qalb dejjem żagħżugħa
li tħenn għal min ibati u tgħix biex tferraħ
mhux fil-pjaċir u l-frugħa!

---

## NIFIRĦU

Nifirħu lill-Professur Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., President tal-Għaqda, li ġie mogħti d-dekorazzjoni ta' Uffiċjal ta' l-Ordni ta' San Ġwann minn idejn l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fis-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ, il-Palazz, fis-16 ta' Frar, li għadda.

Il-Professur Galea, barra milli hu magħruf fostna bħala wieħed mill-aħjar novellieri u rumanzieri fil-letteratura Maltija, kif ukoll għandu isem f'ferghat oħra tax-xjenzi sanitarji u taltal-mediċina legali, hu magħruf ukoll għall-ħidma tiegħu filantropika f'pajjiżna u studji ta' l-Istorja ta' Malta.

---

Għandna l-pjaċir li ngħarrfu illi s-Sur Godfrey Zarb Adami, Segretarju tal-Għaqda, ġie maħtur bħala Spettur ta' l-Ikejjel Elementari. Is-Sur Zarb Adami huwa biżżejjed magħruf sew għall-attivitajiet tiegħu bħala Segretarju tal-Għaqda, kemm bħala wieħed mill-Membri tal-personal tat-tagħlim fid-Dipartiment ta' l-Istruzzjoni fejn dejjem wera ħeġġa kbira u esperjenza fid-dmirijiet tiegħu. Barra mid-dmir ta' Surmast ta' l-Iskejjel huwa kellu kemm-il darba inkarigi speċjali ta' responsabbiltà, fosthom żmien ilu, bħala Inkarigat tal-*Community School*, Raħal il-Ġdid, u dan l-aħħar inkarigat minn *Knights Hall*, mill-*Visual Education* u Surmast tal-Malti fit-*Training School*, istituzzjoni għat-Taħriġ ta' dawk li jgħallmu fl-Iskejjel Elementari.

Bħala membru tal-Għaqda, barra mid-dmirijiet tiegħu bħala Segretarju, huwa ingħażel ukoll biex ikun Segretarju tal-Kummis-

sjoni rappreżentativa tas-soċjetajiet letterarji għall-proposti ta' rati ġodda ta' ħlas ta' awturi u kontributuri fl-istampa u fit-trasmissjonijiet minn fuq ir-Rediffusion, u nistgħu ngħidu li l-kooperazzjoni tiegħu swiet mhux ftit biex il-kummissjoni rnexxielha tikseb l-iskop tagħha.

---

Nifirħu wkoll lis-Sur Victor Apap, Teżorier tal-Għaqda, li wara eżami, laħaq il-kariga ta' *Executive Officer.* Is-Sur Victor Apap dan l-aħħar kien l-Istamperija tal-Gvern, għall-ewwel bit-titlu ta' *Traduttur Anzjan tad-Dokumenti bil-Malti*, titlu li wara riforma li saret fil-klassifikazzjoni tas-Servizz Ċivili tal-Gvern kien inbidillu f'dak ta' *Higher Clerical Officer.* Il-lum is-Sur Apap tqiegħed fl-*Uffiċċju Ċentrali ta' l-Informazzjonijiet* bil-kariga speċjali ta' *Editur tal-Gazzetta tal-Gvern.*

Is-Sur Victor Apap, fil-kamp letterarju, hu magħruf bħala kittieb ta' proża Maltija narrattiva, teatrali u radjo-drammatika.

---

## INŻUL IX-XEMX TAT-2 TA' MEJJU 1952.

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Inżul ix-xemx saħħâr tat-tnejn ta' Mejju
elf disa' mija u tnejn u ħamsin,
li d-dwal t'għajnejja qed jistrieħu fuqek
u jħarsu lejn sbuħitek, mistagħġbin,

li kieku nista' l-Punent kollu naqta'
hekk kif hu mimli u mheġġeġ bin-nirien,
u nżommok fi gwarnic, kwadru, f'kamarti,
biex tibqa' tgħix bla tmut kif immut jien.

Għax bħalek qatt ma rajt u ftit nittama
li sejjer nara fil-jiem li ġejjin,
tant int saħħâri! u tant inti qawwi!
tant int qalil u ħiemed fl-istess ħin!

Kważi tħajjarni nħalli d-dinja tagħna
u niġi negħreq fik, baħar ħamran,
biex jew nintilef fost il-ħruq u l-ħġejjeġ
jew ta' Saltna ta' Ġmiel insir Sultan.

# SIĠĠIJIET

*Ta'* Vincent Caruana

GĦALKEMM il-bniedem fl-istat normali tiegħu jimxi bil-wieqfa ma jistax idum żmien twil wieqaf bla ma jegħja. Għalhekk ikollu jserraħ ġismu jew billi jimtedd jew billi joqgħod bil-qiegħda. Is-siġġijiet qegħdin mela biex iservu ta' ġid u serħan għall-bniedem.

Iżda fid-dinja tista' tgħid li kull ħaġa li saret biex tagħmel il-ġid, il-bniedem minn xi daqqiet ifittillu jużaha biex jagħmel il-ħsara biha. Dak il-bniedem, kien min kien, li għamel l-ewwel darba siġġu, għamlu bil-ħsieb umanitarju biex bniedem li jkun għajjien ipoġġi bil-qiegħda. Qatt ma ħolom dak il-bniedem li għamel l-ewwel siġġu, illi tista' tqum ġlieda u jibdew jagħtu bis-siġġijiet u jwaddbuhom lil xulxin. Lanqas ma ġieh f'rasu li jista' jkun hawn xi ħadd jiċċajta goff u jneħħilek is-siġġu fil-ħin sewwa li tkun ser tpoġġi, jew li jista' jkun hawn min jagħmel xi ħaġa twaħħal fuq xi siġġu biex min ipoġġi jeħel miegħu. U lanqas qatt seta' jobsor dak il-bniedem bikri li tana l-ewwel siġġu, li s-siġġu jista' jservi ta' tentazzjoni biex il-bnedmin jonqsu mill-manjieri puliti billi waqt li jkunu bil-qiegħda jtellgħu saqajhom fuq il-mejda. Tassew li fil-films ġie li tara artisti jagħmlu hekk, imma ħadd m'hu marbut li jikkopja l-ksuħat li joħorġu minn Hollywood, dak il-pajjiż fejn fuq il-liżar abjad jippreżentawlna l-istramberiji bħala l-ħajja ta' kuljum.

Il-bniedem mhux magħruf li ta s-siġġu għall-użu ta' l-umanità; aktarx li ħares lejn l-opra tiegħu b'xeħta ta' soddisfazzjon u fil-waqt li taptap fuq sidru bil-pali ta' idejh qal: "Ismi issa jsir immortali, għax il-ġenerazzjonijiet ġejjiena jibqgħu jqimuni bħala l-inventur ta' oġġett ta' l-ikbar kumdità għall-bniedem". L-inventur tas-siġġu qatt madankollu ma ġieh f'rasu li għalkemm tista' ssib siġġu żlugat li jinkiser taħtek jew siġġu b'xi musmar li jċarrat il-qalziet jew id-dublett ta' min iserraħ fuqu.

Imma miskin, l-inventur tas-siġġu ħadd ma jaf x'jismu, l-istess kif ħadd ma jaf min ivvinta l-ewwel rota li kienet pass kbir 'il quddiem fiċ-ċiviltà bikrija tal-bniedem. Isem l-inventur tas-siġġu, għalhekk, ma baqax immortali, imma ndifen taħt it-tgerbib tas-sekli. U xi dritt għandu l-inventur tas-siġġu jgħid li s-siġġu huwa oġġett ta' l-ikbar kumdità għall-bniedem? Forsi s-sodda ma toffrix lill-bniedem iktar kumdità mis-siġġu? Imma

wara kollox aħjar noqgħod pass lura u naħseb bejni u bejn ruħi min ġie l-ewwel, jekk hux is-siġġu jew is-sodda. Bejn sodda u siġġu hemm xebh kbir. It-tnejn għandhom erba' saqajn u wiċċ li jerfa' l-piż tal-bniedem, bid-differenza li siġġu hu l-iżgħar u għandu dahar wieħed fil-waqt li sodda jkollha dahar ftit twil u dahar ieħor qasir, li jissejħu tastieri. Min jaf mela jekk hix ħaġa possibbli, anzi probabbli, li s-siġġu ġie qabel is-sodda. Il-bniedem bikri kien jorqod fl-art fuq xi ġlud jew tiben (meta ma kienx jorqod qalb is-siġar). Jista' mela jagħti l-każ li l-bniedem l-ewwel ivvinta s-siġġu, imbagħad mis-siġġu żviluppa s-sodda biex jorqod merfugħ iktar fl-għoli mill-ksieħ ta' l-art. Hi kif inhi, huwa tassew dnub li ma nafux min hu l-inventur tas-siġġu, biex konna nibnulu monument. Il-monument kieku jixraq ikun statwa ta' l-istess inventur mixħut bil-qiegħda mxaħxaħ fuq siġġu, b'sieq imtella' fuq l-oħra, ipejjep il-pipa u jaqra gazzetta miftuħa qisha qlugħ bejn idejh it-tnejn. Imma, fi żmien il-bniedem bikri li għamel l-ewwel siġġu ma kinux jeżistu gazzetti jew pipa. Għalhekk, għalkemm il-gazzetta u l-pipa jistgħu jsebbħu l-poża ta' l-istatwa jkolli kontra qalbi nħallihom barra. Qed naħseb ukoll, li għalkemm isem l-inventur tas-siġġu mhux magħruf, xorta waħda nistgħu nibnulu monument. Ma hemmx forsi wkoll monument mibni għas-Suldat mhux Magħruf?

Rajna mela, kemm l-inventur tas-siġġu ħa soddisfazzjon li ta lid-dinja oġġett ta' kumdità u serħan. Imma s-siġġijiet **dejjem** jiswewlna ta' kumdità u serħan? Le, mhux dejjem. U ninsab fornut b'sensiela ta' provi.

Nibdew.

Fost is-siġġijiet li joħolqulek skumdità nsibu dawk li jkun hemm fit-teatri fejn tmur tara xi film, opra jew reċta. Jekk taqta' l-biljett tard jista' jkollok tpoġġi f'xi siġġu quddiem nett fejn twerreċ għajnejk, jew lura nett fejn ma tismax sewwa. F'teatru jkun hemm żewġ kwalità ta' siġġijiet; xi wħud iqumu iżjed minn oħrajn. Jekk tittardja u ma tridx post ħażin tista' tħallas iżjed u tieħu post fil-gallerija tat-teatru. Postijiet li jqumu iżjed jistgħu jkunu mhux biss dawk tal-gallarija iżda wkoll fl-art isfel, u dawn ikunu jiswew iżjed għax ikunu iktar komdi u rotob.

Meta tkun tara film jew reċta ġie li jpoġġi xi ħadd qud-

diemek u ma jħallikx tara sewwa b'rasu. Inti jkollok tilwi għonqok u kull darba li hu jċaqlaq rasu int ikollok iċċaqlaq tiegħek biex issib pożizzjoni oħra fejn rasu ma tiġix quddiemek. U kieku jien inkun fil-gvern nipproponi liġi li nisa bil-kpiepel ma jistgħux jidħlu f'teatri. Hemm xi teatri li għandhom l-art imżerżqa 'l isfel biex ta' quddiem ma jilqgħux b'rashom lil ta' wara. Ma nafx għaliex tara jinbnew teatri ġodda u ma jagħmlux l-art imżerżqa.

Kemm ġie li tindanna f'teatru meta jkun hemm siġġijiet iżaqżqu u jkun hemm xi tnejn nervużi li ma għandhomx kwiet f'ġisimhom. Dawn jibdew il-ħin kollu jiċċaqalqu f'posthom; is-siġġu jarma jżaqżaq u povru int tiftaħ widnejn daqs ta' ħmar biex forsi taqbad xi kelma jew sentenza 'l hemm u 'l hawn milli jkun qed jintqal fuq il-palk. Jew issib min jidħol fit-teatru wara li jkun beda, u arah iqajjem in-nies biex jgħaddi għal postu u dawk li jqumulu biex jgħaddi jagħmlu ħafna taħbit bis-sedil li fis-siġġijiet tat-teatri jkun magħmul jitla' u jinżel. Niftakar darba kont qed nara opra u daħal żagħżugħ biex joqgħod f'post quddiemi. Dan niżżel is-sedil tas-siġġu iżda malli neħħa idu s-sedil reġa' tela' 'l fuq u meta ż-żagħżugħ niżel biex ipoġġi bil-qiegħda baqa' nieżel qisu biċċa ċomb. Fit-teatru nstama' l-ħoss taż-żagħżugħ jaqa' fil-ħin sewwa li l-prima donna kienet waslet f'akuta b'ħalq miftuħ li mill-qrib jew bi tromba kont tista' taralha t-tunsilli. Kif il-ħoss tas-siġġu ħabat sewwa fil-quċċata ta' l-akuta ġie qisu li l-vuċi tal-prima donna kienet xi ħaġa li qiegħda tiġġebbed u tiġġebbed u fl-aħħar infaqgħet u splodiet.

Sa hawn rajna xi ftit mill-problemi li joħolqu s-siġġijiet tat-teatri. Iżda l-iktar li s-siġġijiet tat-teatri joħolqu problema huwa proprju għall-kumpanniji tat-teatrin meta jkun kważi wasal il-ħin biex tibda r-reċta u jaraw li ħafna mis-siġġijiet għadhom vojta. Allura tibda kultant tara lill-membri tal-kumpannija jittawlu minn wara l-purtiera tas-separju u jittamaw fuq ix-xwiek li jidħlu iżjed nies biex ma jkollhomx jirreċtaw f'teatru b'ħafna siġġijiet vojta.

Is-siġġijiet ta' ġol-knisja ma humiex mingħajr il-problemi tagħhom. Bosta drabi jiġrilek li jekk ma taħsibx biex tidħol fil-knisja ftit minuti sewwa qabel tibda l-quddiesa, ikollok toqgħod bil-wieqfa għax ma tilħaqx siġġu. Imbagħad tara ħafna li

flok siġġu wieħed ikollhom tnejn. Wara li tkun ilek fit bil-wieqfa xi ħadd li jkollu żewġ siġġijiet joffrilek wieħed minnhom biex, bħal dak li qallu, juri l-qalb tajba tiegħu. Allura mhux xorta kieku ħa siġġu wieħed mill-ewwel? Oħrajn għandhom drawwa li flok joqogħdu għarkobbtejhom joqogħdu mxenglin 'il quddiem bis-siġġu. Din jien naraha li tkun qiegħed tagħmel ħaġa b'nofs qalb, bħal tifel li jaqdi 'l ommu bilfors.

Fil-knisja joħroġ is-sagristan jiġbor. F'idejh ikollu ħafna sittiet u kemm jekk tagħtih sold kif ukoll jekk tagħtih sitta, huwa dejjem iressaqlek is-sitta tal-bqija. Allura n-nies huma onesti biżżejjed li jekk ikun tawh sitta ma jerġgħux joħdulu sitta bqija.

Fil-karrozzi jkun hemm ukoll siġġijiet li jissejħu 'seats' jew sempliċement postijiet. Dawn ġie wkoll li joħolqu xi problemi jew skumdità għall-passiġġieri, l-iktar meta tinzerta fuq xi 'seat' li tħares lura, kuntrarju tas-'seats' l-oħra li jaħrsu 'l quddiem. Jiġifieri inti tkun b'dahrek lejn ix-xufier u ħafna passiġġieri oħra li jkunu jħarsu 'l quddiem jiġu wiċċ-imb-wiċċ miegħek. Biex ma tħarisx il-ħin kollu b'għajnejk f'għajnejhom ikollok jew toqgħod tħares lejn is-saqaf tal-karrozza jew 'l isfel jew 'il barra mit-twieqi, taparsi biex tara n-nies għaddejjin fit-triq. U jekk jien inħares għal ċertu żmien f'għajnejn il-passiġġieri ta' quddiemi nistħajjilni li qiegħed nipprattika l-ipnotiżmu fuqhom.

Kultant f'karrozza iktar tagħżel li toqgħod bil-wieqfa milli bil-qiegħda, l-iktar meta fix-xitwa jqattar is-saqaf tal-karrozza għal fuq il-post fejn tkun qiegħed int, jew meta fis-sajf jiksu s-'seats' bil-kħaki u tara ħafna tbajja' li għalkemm nixfin xorta jbeżżgħuk tpoġġi bil-qalziet fuqhom. Hemm imbagħad min jiddejjaq ħafna jpoġġi fuq dak is-'seat' li jaħbat fuq ir-rota ta' wara, għax ikun iktar għoli mill-oħrajn u min ipoġġi fuqu jistħajlu fuq xi tron. Jien, ngħid għalija, ma jdejjaqnix post fil-għoli.

S'issa semmejt ħafna kwalità ta' siġġijiet li ma niħux gost inpoġġi bil-qiegħda fuqhom, u dak il-bniedem li tana l-invenzjoni meħtieġa tas-siġġu żgur qatt ma għaddielu minn moħħu li barra l-kumdità tal-mistrieħ, is-siġġijiet kellhom joħolqu daqshekk problemi u skumditajiet għall-bnedmin. U l-iktar żewġ

siġġiet li nsibha ħaġa ta' skomdu li npoġġi fuqhom huma.......
wieħed it-tron tar-re, għax għalkemm li tpoġġi fuqu huwa unur, ir-re jkollu joqgħod jieħu parti f'ħafna ċerimonji u ma tantx jista' jgħix il-ħajja privata tiegħu. Hemm ukoll siġġu ieħor li jien nitwerwer jekk iġegħluni npoġġi fuqu. Dan hu s-siġġu ta' l-elettriku li fl-Amerika jużawh biex jagħtu s-sentenza tal-mewt.

Dwar dan is-siġġu ta' l-elettriku niftakar ċajta li qalli ħabib tiegħi. Żagħżugħ Amerikan kien wasal biex jieħu l-mewt fuq is-siġġu ta' l-elettriku u staqsewh x'inhi l-aħħar xewqa tiegħu qabel imut. Huwa wieġeb "Nixtieq noffri posti lil xi sinjorina".

## MULTUM IN PARVO

### In-Numru SEBGĦA fi frażijiet Maltin.

Trid *seba'* għajnejn. Il-qattus għandu *sebat* erwieħ.
Saħħa *seba'* saħħiet. Għidthielek *sebat* elef darba.

### Espressjonijiet b'sens ta' kwalità superlativa

| | | |
|---|---|---|
| Kiesaħ silġ | Ħafif rix | Mill-itqal |
| Sħun jagħli | Tqil ċomb | Mill-isbaħ |
| Jaħraq nar | Wasa' ħorġ | |
| Għali infern | Dejjaq but | Mill-orħos |
| Xiħa għakka | Tari baqta | Mill-aqwa |
| Nadif tazza | Iebes għuda | |
| Ifuħ xummiema | Miblul xraba | Li ma bħalu |
| Ikħal nir | Iswed borma | Xħiħ għall-aħħar |
| Abjad karti | Isfar lellux | Qalbu tajba mill-iktar. |

## ĠAWHAR TA' ĦSEBIJIET

Għal kull deni hemm żewġ rimedji: iż-żmien u s-skiet.

Il-għerf huwa l-maqlub tal-flus: aktar ma jkollok għerf aktar tħossok kuntent.

Jaqbel iżjed li tagħmel dak li tista' milli tkun kollok ħrara u ħeġġa u ma tagħmel xejn.

## IMMORRU. . . .

*Ta'* Vinsent Ungaro

*Lil Marti.*

Immorru, Marija,
Weħidna, flimkien,
Inħallu warajna
Dal-ħin, bla waqfien
Did-dinja bla ħniena
Imgħammra bil-ħżiena.
Inħallu warajna
In-nisel tal-hemm
Li qisu d-din tiegħu
Ġie msawwar mis-semm:
Fih tgħammar kull diqa
Taħt ħarstu qarrieqa.
Insibu dinj' oħra
Fejn nies ma jgħammrux,
Fejn għira, mibegħda,
U ġlied ma jgħixux;
Fejn tidħak kull sliema
B'qalb safja bħal kliemha.
Immorru f'saltn' oħra
Fejn nies ma rifsux,
Fejn ilħna faħxija
Ta' għelt ma waslux;
Fejn tħammar irżina
L-Imħabba ħanina.
Weħidna, f'dis-saltna
Hemm ngħixu henjin
Imwarrba mix-xafra
Ta' lsien il-bnedmin.
Dir-rokna kennija
Tkun bl-għaxqa mimlija.
Hemm ngħammru għal dejjem
Mal-bhejjem u t-tjur
Taħt sema b'nir safi
Bla hjiel ta' ħajbur;
Fejn l-ilma tax-xmajjar
Jidħkilna fl-għadajjar.
U l-għanja tal-baħar
U l-għasel u l-bħur
Jitħalltu mal-ħlewwa
Li jgħanni l-għasfur
Fil-għodu, fl-għaxija
Kull ħin poeżija.
U norqdu x'ħin jidlam
Taħt l-ikħal sabiħ;
Fuq l-aħdar bellusi
Insibu l-mistrieħ,
U tħannen lil ngħasna
Ix-xmara fejn rasna.
Inqumu x'ħin jisbaħ
Mad-dawl taż-żerniq
Xħin kollox madwarna
Iqim il-Ħallieq:
U nagħtu l-ħajr tagħna
Lill-Qawwa s-Setgħana.
Inqumu fil-għodu
Mad-dawl tat-tbexbix
Maħsula bil-fidda
Li tiksi l-ħaxix
U ż-żiffa ferrieħa
Mogħnija b'kull fwieħa.
U nħossu ġo ruħna
Jitnissel kull serħ,
U terġa' tfur qalbna
Bil-milja tal-ferħ:
Hekk ngħixu ħajjitna
Fis-skiet ta' mħabbitna.
Immorru, Marija,
Naħarbu flimkien,
Inħallu warajna
Malajr, bla dewmien
Did-dinja tad-dnewwa
Li tkasbar kull sewwa.

## IL-MEWT TA' ARTHUR VASSALLO

Il-bxara għalgħarrieda tal-mewt tas-Sur **Arthur Vassallo**, magħruf fostna bħala "Announcer" tas-Sezzjoni Maltija fil-B.B.C. ta' Londra, li ġrat fil-25 ta' April, 1956, taħt ċirkustanzi ta' disgrazzja b'esplożjoni fil-bini ta' li "Scripture Gift Mission", f'Victoria, instemgħet bl-aktar dispjaċir u qanqlet ħasra fost kemm nies kienu jafuh, kif ukoll fost dawk li kienu soltu jisimgħuh jitkellem u jagħti l-aħbarijiet bil-Malti minn Londra. Aħna li nafuh tajjeb u kellna relazzjonijiet miegħu sewwa fil-qasam tal-letteratura Maltija, kemm ukoll bħala Membru tal-"Għaqda", ma nistgħux ma nfissrux il-ħasra tagħna għat-telfa kbira li laqtet il-familja tiegħu u lil qrabatu kollha.



Is-Sur Arthur Vassallo ilu nieqes minn Malta mill-bidu tal-Gwerra l-Kbira, u, bħala Surmast fl-Iskejjel Elementari, kien telaq għall-Ingilterra biex jitħarreġ fil-metodi tal-pedagoġija, qabel ma jilħaq Surmast Prinċipali. Wara l-gwerra baqa' Londra, fejn, bi ftehim mal-Gvern Malti, wara wkoll rikkmandazzjoni tal-"Għaqda", kien daħal fil-B.B.C. bħala "Announcer" tas-Sezzjoni Maltija.

Is-Sur Vassallo, fil-programmi bil-Malti kien 'l hawn u 'l hinn, idaħħal xi proża jew poeżiji bil-Malti, u jistieden biex jitħaddtu fuq il-mikrofonu tal-B.B.C. lil dawk il-Maltin li jinzertaw imorru jżuruh.

Vassallo kien ukoll magħruf bħala kittieb ta' versi, u tiegħu għandna xi versi miġjubin fl-antoloġiji. Bħala bniedem imħarreġ fil-kitba letterarja Maltija kien maħtur bħala Eżaminatur tal-Malti fl-eżamijiet tal-Matrikola ta' Londra.

Bil-mewt tiegħu l-"Għaqda" tilfet wieħed mill-Membri ewlenin tagħha li, għalkemm ilu mbiegħed minnha għal bosta snin, tiegħu baqgħet iżżomm l-egħżeż tifkira, bħala wieħed mill-Membri u ħbieb tagħha li dejjem baqa' marbut magħha fil-ħsieb u fil-qalb.

# Reċensjonijiet

**"IL-FJURETTI TA' SAN FRANĠISK"** — Miġjuba bil-Malti mill-Prof. Saċ. A. Tabone. — Edizzjoni M.U.S.E.U.M. —1956. Paġ. 156.

"Il-Fjuretti ta' San Franġisk" hu wieħed mill-klassiċi magħrufa mad-dinja kollha mhux biss għall-figura simpatika ta' l-awtur it-twajjeb Franġisku, imma wkoll għall-ħlewwa, naturalezza u sempliċità ta' l-istil. "Il-Fjuretti" huma l-espressjoni ta' għogba u ta' ġibda li ruħ safja tħoss lejn il-ħlejjaq t'Alla l-Imbierek; huma ġmunu ferrieħi u inġenwu maħruġ mil-qalb mixgħula bin-nar ta' l-imħabba għall-ħolqien. Minn x'uħud "Il-Fjuretti ta' San Franġisk" huma magħdudin bħala sistema filosofiku ta' hena u ta' mogħdrija, sistema li jnebbah u jgħallem lill-bniedem kif jistgħall dak li huwa sabiħ u safi u fejjiedi fil-ħajja, kif jagħraf il-kobor tal-Ħallieq fix-xbiha Tiegħu fil-ħlejjaq, kif jitgħaxxaq bil-grazzja u l-barka tal-Mulej.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar "Il-Fjuretti" jrabbu l-għeruq fil-qasam letterarju tal-ġnus u l-lum huma maqlubin kważi fl-ilsna kollha tad-dinja. Kien ikun nuqqas għalina l-Maltin li ma kellniex din l-opra maqluba f'ilsienna. Forsi aħna l-Maltin kien imissna aktar minn ġnus oħra naqilbu dawn "Il-Fjuretti" f'ilsienna għax aħna pajjiż Kattoliku fervent u għax bħala nazzjon għandna devozzjoni kbira lejn San Franġisk ta' Assisi, l-awtur ta' "Il-Fjuretti".

Issa l-Professur Dun A. Tabone ndaħal għal din il-biċċa xogħol bil-ħrara ta' qalbu kollha u rnexxielu jagħtiha sura Maltija li tixirqilha. Il-Professur Tabone mhux l-ewwel darba li kiteb fuq suġġetti u persunaġġi axxetiċi. Il-ħajja ta' Sant'Antnin hi biċċa xogħol tajba li nqrat minn eluf ta' nies. Din it-traduzzjoni li stampa issa ma tagħmilx għajb lix-xogħlijiet li diġà ħarġu mill-pinna ta' l-istess awtur, forsi hi l-aħjar fosthom għall-istil ħafif u sabiħ, għad-damma tal-paragrafi u għall-għażla tal-kliem.

It-traduttur milli jidher qagħad attent mhux biss biex jaqleb l-opra oriġinali f'Malti tajjeb, imma wkoll biex iħalli bla mittiefsa l-ispirtu u l-fehma ta' l-Awtur qaddis. Madankollu hu ma taniex traduzzjoni "ad litteram" tqila u bla ħajja, imma tana traduzzjoni idjomatika, imħeġġa u mexxejja.

L-opra fiha element deskrittiv u element narrativ. L-ewwel wieħed iġibilna donnu f'mera dehriet ta' ġmiel naturali u ta' xeni rustiċi u klawstrali. It-titjira tal-għasafar wara l-prietka ta' San Franġisk (kap. 16), il-purċissjoni tal-Qaddisin (kap. 20), iż-żjara tat-tliet ħallelin fil-kunvent ta' Monte Casale (kap. 26), huma ftit mid-deskrizzjonijiet l-aktar ħajjin li t-traduttur qalibhom f'Malti ċar, ħafif, sabiħ u letterarju.

Fl-element narrativ insibu episodji u rakkonti interessanti u intreċċjati tajjeb li jżommu l-qarrej f'kurżità kbira. L-istorja tal-lupu (kap 21), il-ġrajja ta' Fra Bentivolju (kap. 42), u bosta rakkonti oħrajn huma sbieħ fl-oriġinal imma xejn inqas ta' gost fil-Malti. It-traduttur jidher li għandu ħila u sengħa kbira biex jagħti sura Maltija lis-suġ-

ġett bla ma jtellifu mill-ħeġġa u l-qawwa oriġinali.

It-traduzzjoni kolha tidher li hija rott mhux biss tal-ġenju, imma wkoll tal-qalb, għax it-traduttur wera ħrara speċjali biex jorqom u jżejjen ix-xogħol tiegħu. Ir-riżultat hu traduzzjoni ġenjali, letterarja u artistika li tirfed mhux ftit il-letteratura tagħna. G.

**"TIFKIRA TA' L-INKURUNAZZJONI TAL-MADONNA TA' CARAFFA"** — Ta' Mons. C.P. Buttigieg. — Empire Press, 1955. Paġ. 40.

Waħda mill-aqwa festi li qatt saru f'Malta kienet dik ta' l-Inkoronazzjoni tal-Madonna ta' Caraffa. Kienet festa kbira nazzjonali u storika u għalhekk kien jixraq li tibqa' mfakkra għal min jiġi warajna.

Is-sena 1954 kienet sena ta' devozzjoni ferventi lejn Marija. Id-dinja kollha qamet biex tagħti ġieh u qima lill-Verġni bla tebgħa. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa kien xandar id-Domma tat-Tlugħ ta' Marija bir-ruħ u bil-ġisem fis-Sema u n-nazzjonijiet Kattoliċi wieġbu għalenija għas-sejħa tal-Papa biex jagħmlu wirja ta' rispett u qima lil Omnna Mqaddsa.

Malta ma setgħetx tibqa' lura u nqdiet b'dik l-okkażjoni għal żewġ skopijiet li kien ilhom ħafna f'moħħ l-aqwa rjus tal-Gżira: l-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Caraffa u l-Proklamazzjoni spiritwali ta' Marija bħala Reġina.

Dan il-ktieb hu dokument storiku għax ifakkar mhux biss il-festi li saru, il-persunaġġi li ħadu sehem u d-dimostrazzjonijiet popolari ta' ferħ u qima. L-awtur bid-dehen u bil-għaqal ġabar dak kollu li kellu x'jaqsam ma' dik il-festa kbira li tista' titqies bħala dimostrazzjoni nazzjonali. Hu beda biex semma fil-qasir l-istorja tal-Madonna ta' Caraffa, storja li f'Malta ħadd ma jafha daqsu billi hu ftit taż-żmien ilu kien ħareġ ktieb fuq dik l-istorja aktar fit-tul. Imbagħad l-awtur semma l-preparamenti, il-korrispondenza bejn Ruma u Malta, it-trattativi uffiċjali, il-festi u ċ-ċerimonji solenni fil-knisja u barra, il-proċessjoni li fiha ħadu sehem l-għaqdiet, ix-xirkiet, il-klassijiet, l-awtoritajiet u l-elementi nazzjonali kollha u fl-aħħar bħala qofol ta' kollox, "il-mument solenni tant mixtieq u tant mistenni", l-inkurunazzjoni meraviljuża taxxbiha tal-Madonna fuq il-Fosos tal-Furjana.

Dik l-okkażjoni hija fatt storiku li jibqa' miktub b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Malta, u dan il-ktieb jista' jinżamm bħala tifkira uffiċjali ta' dak il-fatt storiku. Il-ktieb jinqara bil-pjaċir għax hu miktub tajjeb ħafif u interessanti, stampat pulit u fih stampi biex iżidu t-tifkira visiva mat-tifkira narrativa. G.

**HAJJA TAL-QADDEJ T'ALLA FRA KRISPIN MINN GHAWDEX, AJK KAPPUĊĊIN TAL-PROVINĊJA TA' MALTA.** — Ta' P. Elija minn Ħal Lija, O.F.M.Cap. — Empire Press, 1956. pp. 54.

F'dan id-daqsxejn ta' ktieb l-A. tana kwadru sabiħ tal-ħajja ta' dan l-Ajk li bl-imġiba eżemplari tiegħu matul il-ħajja ta' dwar 79 sena

kien kiseb fama ta' bniedem qaddis. Fra Krispin imwieled Għawdex, fl-1788, żmien il-Gran Mastru De Rohan, qrib il-kunvent tal-Kappuċċini fejn sa minn żgħoritu kien dlonk iżur il-knisja ta' dak il-kunvent, u ntrabat ma' dik id-Dar ta' ħemda u qdusija, kien infired minn daru u mid-dinja ta' 25 sena biex imur jaqdi lil Alla; sa minn ċkunitu, huwa u ħutu (tnejn minnhom reliġjużi bħalu), kienu trabbew bl-akbar għożża fit-tagħlim u mħabba tal-Knisja Kattolika.

Il-ktieb hu mqassam fi ħdax-il taqsima li fihom l-A. jittratta, b'riflessjonijiet morali l-perijodi tal-ħajja reliġjuża ta' dan l-Ajk, minn meta tħajjar li jħaddan ir-Regula Serafika fl-Ordni tal-Kappuċċini sakemm Alla sejjaħlu u firdu minn din il-ħajja għalkollox.

L-A. barra milli jidħol bir-reqqa fir-riflessjonijiet tal-virtujiet ta' dan s-Serv t'Alla, li xi mindaqqet jagħtu lill-ktieb xeħta hekk axxetika u morali li tegħleb lil dik tal-kitba bijografika, jagħtina wkoll xi tagħrif, għalkemm qasir, dwar l-istorja ta' l-Ordni Serafiku tal-Kappuċċini, kif mifrud, u baqa' sal-lum mill-bidu nett, mill-Ordnijiet l-oħra sħabu fir-Riforma ta' l-Ordnijiet Minuri u Konventwali.

Il-bijografija hija miktuba bi stil sempliċi u bi kliem xieraq, bħala relazzjoni bijografika, neħħi xi espressjonijiet fejn l-aġġettiv huwa dlonk imqiegħed qabel in-nom kontra x-xeħta sintattika maltija u xi żellumiet ortografiċi ċkejkna li nittamaw ma jibqgħux jidhru f'edizzjonijiet oħra.

Il-ktieb hu mżejjen b'xi stampi, waħda minnhom bix-xbieha ta' Fra Krispin, oħra tad-dwejra fejn twieled Fra Krispin, il-Bellieħa, Għawdex, u t-tnejn l-oħra, waħda tal-Kunvent u Knisja tal-Kappuċċini, Għawdex u l-oħra tal-Kunvent tal-Kappuċċini, il-Furjana, fi żmien Fra Krispin.

Għal min iħobb jaqra l-ħajja eżemplari ta' erwieħ tajba u qaddisa bħalma kienet dik ta' Fra Krispin, li ħalla fost in-nies ta' Malta u ta' Għawdex, art twelidu, tifkira hekk għażiża u devozzjoni lejn il-fdal tal-ġisem tiegħu fil-kannierja tal-Kunvent tal-Kappuċċini, il-Furjana, ma għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jikseb dan il-ktieb u jżommu fost il-kotba tal-knisja u bijografiji ta' dawk r-reliġjużi u erwieħ tajba Maltin li huma żina tal-Knisja Nisranija Maltija.

a.c.

**"BJUDA BIL-LEJL"** — Ta' V.M. Pellegrini. — Stamperija Giov. Muscat, Malta, 15 ta' Jannar 1956, paġ. 93, prezz 3s.

In-Nutar V.M. Pellegrini għamel isem sabiħ għalih fil-qasam letterarju u sa minn żgħożitu kien dejjem mogħti għal dak kollu li huwa letterarju. Biżżejjed ingħidu li għamel isem barra minn Malta bix-xogħol li għamel fil-qasam tal-letteratura taljana. B'din il-ġabra ta' poeżiji li kiteb mill-1930 sa l-1954, il-lum ħarġet għad-dawl fi "Bjuda bil-Lejl", Vincenzo Maria Pellegrini jidher quddiemna bħala poeta Malti li barra li jaf iħaddem il-għana tal-Muża fl-ilsien taljan, jaf daqstant ieħor ifisser ħsebijietu f'poeżija bil-Malti, ilsien art twelidu. Kif jidher tajjeb mill-poeżiji li nsibu fi "Bjuda bil-Lejl", u kif qalilna l-poeta nnifsu fi tmiem il-ktieb, paġ. 93, nintebħu li V.M. Pellegrini kellu ġibda

sħiħa li jdonnu vrus bil-Malti sa minn tfulitu. Jalla l-ħerqa li kellu u għad għandu tibqa' ħajja għax mill-ġabra li tana, għandna nistennew, mill-għajn tal-Muża tiegħu, poeżija bil-Malti aqwa u isbaħ milli dehret s'issa. Dan kollu jawgura lill-poeta tagħna suċċessi akbar għalih u għal-letteratura tagħna għax tistagħna hi wkoll miegħu.

Il-ġabra tiftaħ b'daħla dwar il-poeżija Maltija ta' V.M. Pellegrini miktuba tajjeb minn Wallace Ph. Gulia, poeta li ismu nafuh biżżejjed fil-poeżija tagħna. "Bjuda Bil-Lejl" ħaddan tliet taqsimiet: "Juvenalia", poeżija miktuba bejn l-1930 u l-1939; "Stasi", vrus midmuma bejn l-1940 u l-1953; u "Attwalità", għana mnebbaħ fis-sentejn 1953-1954. Bejn wieħed u ieħor nistgħu ngħidu li n-numru ta' poeżiji miġburin fit-taqsima "Attwalità", jiġifieri dawk tas-sentejn 1953-54, hu daqs dawk miġburin taħt "Juvenalia"u "Stasi", medda ta' madwar tlieta u għoxrin sena żmien. Il-ġabra tħaddan b'kollox sitta u erbgħin poeżija, b'versi ħielsa aktar milli b'versi tradizzjonali. Il-versi ħielsa tiegħu jixhdu għanjiet ħierġa mill-qalb bla ebda xkiel ta' toqol li jħoss meta jinqeda bi vrus tradizzjonali biex ifisser it-tqanqiliet ta' qalbu u fehemtu.

Il-poeta għamel tajjeb li ġabar taħt tlitt irjus il-poeżija li tebagħ fil-ġabra, għax wieħed li jaqrahom waħda wara l-oħra għandu minnufih jintebaħ bil-għażla li tgħaddi bejn il-vrus bikrija u dawk tal-lum. Jekk il-għana taż-żgħożija u waħdiet minn taż-żmien "Stasi" jintfew meta tqabbilhom ma' dik li tgħannet il-lum, mhux għaġeb, iżda hu minn awl id-dinja ladarba l-poeta kiber maż-żmien fil-qawwa letterarja tiegħu. Il-poeżija bikrija jekk ma tagħmel xejn, għallinqas qiegħda hemm biex tagħtina ħjiel dwar kif ħasibha l-bieraħ il-poeta u kif jaħsibha l-lum. Nistgħu ngħidu li jekk wieħed jifli sewwa dak li jrid jgħid il-poeta fil-poeżija tiegħu miktuba f'żgħożitu, għandu fl-aħħar mill-aħħar igħid li l-lum hu jagħraf ifisser aħjar u b'qawwa r-ruħ tl-poeżija li ħass matul ħajtu. L-ideal baqa' wieħed, għalkemm jitfisser taħt għamliet differenti: imħabba poetika lejn dak li hu sabiħ u x-xewqa, li tabilfors titnissel ladarba jħobb, li jitwaħħad mal-Ħallieq tas-Sbuħija. Nisimgħuh jistqarr f'"U Nefaħ Fuq it-Tafal":

"Għax il-ġmiel veru jgħolli l-ħsieb
u jgħaqqad
ir-ruħ mar-ruħ,
iġagħlek tħoss ġibda sħiħa u bnina
lejn il-Mulej".

U billi sa minn żgħoritu hu ħass il-għana ta' l-Imħabba tirfidlu 'l qalbu, aktarx li fil-ħsieb poetiku tiegħu waħħad il-fantasija ma' dak li hu ħaj, u hekk l-Imħabba tieħu l-għamla ta' Mara, bħalma jkompli fl-istess poeżija, "U Nefaħ Fuq it-Tafal":

"Mara
fi ħsieb waħdani, bħal żerriegħa, tini,
il-ġmiel li bih int imlibbsa
biex minnu nnissel frott il-poeżija
u b'dal-frott biss ma' tul ħajti xebbagħni:"

Kemm meta għanna dal-ħsieb fiż-żgħożija u kemm meta aktar tard kiteb vrus isbaħ fuq il-Madonna, l-ideal baqa' wieħed. Meta jiġi biex jitħaddet fuq l-Imħabba ta' bejn bniedem u ieħor bħal f'"Xofftejn Għat-

kien kiseb fama ta' bniedem qaddis. Fra Krispin imwieled Għawdex, fl-1788, żmien il-Gran Mastru De Rohan, qrib il-kunvent tal-Kappuċċini fejn sa minn żgħoritu kien dlonk iżur il-knisja ta' dak il-kunvent, u ntrabat ma' dik id-Dar ta' ħemda u qdusija, kien infired minn daru u md-dinja ta' 25 sena biex imur jaqdi lil Alla; sa minn ċkunitu, huwa u ħutu (tnejn minnhom reliġjużi bħalu), kienu trabbew bl-akbar għożża fit-tagħlim u mħabba tal-Knisja Kattolika.

Il-ktieb hu mqassam fi ħdax-il taqsima li fihom l-A. jittratta, b'riflessjonijiet morali l-perijodi tal-ħajja reliġjuża ta' dan l-Ajk, minn meta tħajjar li jħaddan ir-Regula Serafika fl-Ordni tal-Kappuċċini sakemm Alla sejjaħlu u firdu minn din il-ħajja għalkollox.

L-A. barra minn jidħol bir-reqqa fir-riflessjonijiet tal-virtujiet ta' dan s-Serv t'Alla, li xi mindaqqiet jagħtu lill-ktieb xeħta hekk axxetika u morali li tagħleb lil dik tal-kitba bijografika, jagħtina wkoll xi tagħrif, għalkemm qasir, dwar l-istorja ta' l-Ordni Serafiku tal-Kappuċċini, kif mifrud, u baqa' sal-lum mill-bidu nett, mill-Ordnijiet l-oħra sħabu fir-Riforma ta' l-Ordnijiet Minuri u Konventwali.

Il-bijografija hija miktuba bi stil sempliċi u bi kliem xieraq, bħala relazzjoni bijografika, neħħi xi espressjonijiet fejn l-aġġettiv huwa dlonk imqiegħed qabel in-nom kontra x-xeħta sintattika maltija, u xi żellumiet ortografiċi ċkejkna li nittamaw ma jibqgħux jidhru f'edizzjonijiet oħra.

Il-ktieb hu mżejjen b'xi stampi, waħda minnhom bix-xbieha ta' Fra Krispin, oħra tad-dwejra fejn twieled Fra Krispin, il-Belliegħa, Għawdex, u t-tnejn l-oħra, waħda tal-Kunvent u Knisja tal-Kappuċċini, Għawdex u l-oħra tal-Kunvent tal-Kappuċċini, il-Furjana, fi żmien Fra Krispin.

Għal min iħobb jaqra l-ħajja eżemplari ta' erwieħ tajba u qaddisa bħalma kienet dik ta' Fra Krispin, li ħalla fost in-nies ta' Malta u ta' Għawdex, art twelidu, tifkira hekk għażiża u devozzjoni lejn il-fdal tal-ġisem tiegħu fil-kannierja tal-Kunvent tal-Kappuċċini, il-Furjana, ma għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jikseb dan il-ktieb u jżommu fost il-kotba tal-knisja u bijografiji ta' dawk r-reliġjużi u erwieħ tajba Maltin li huma żina tal-Knisja Nisranija Maltija.

a.c.

**"BJUDA BIL-LEJL"** — Ta' V.M. Pellegrini. — Stamperija Giov. Muscat, Malta, 15 ta' Jannar 1956, paġ. 93, prezz 3s.

In-Nutar V.M. Pellegrini għamel isem sabiħ għalih fil-qasam letterarju u sa minn żgħożitu kien dejjem mogħti għal dak kollu li huwa letterarju. Bi żżejjed ingħidu li għamel isem barra minn Malta bix-xogħol li għamel fil-qasam tal-letteratura taljana. B'din il-ġabra ta' poeżiji li kiteb mill-1930 sa l-1954, il-lum ħarġet għad-dawl fi "Bjuda bil-Lejl", Vincenzo Maria Pellegrini jidher quddiemna bħala poeta Malti li barra li jaf iħaddem il-għana tal-Muża fl-ilsien taljan, jaf daqstant ieħor ifisser ħsebijietu f'poeżija bil-Malti, ilsien art twelidu. Kif jidher tajjeb mill-poeżiji li nsibu fi "Bjuda bil-Lejl", u kif qalilna l-poeta nnifsu fi tmiem il-ktieb, paġ. 93, nintebħu li V.M. Pellegrini kellu ġibda

sħiħa li jdoinm vrus bil-Malti sa minn tfulitu. Jalla l-ħerqa li kellu u għad għandu tibqa' ħajja għax mill-ġabra li tana, għandna nistennew, mill-għajn tal-Muża tiegħu, poeżija bil-Malti aqwa u isbaħ milli dehret s'issa. Dan kollu jawgura lill-poeta tagħna suċċessi akbar għalih u għal-letteratura tagħna għax tistagħna hi wkoll miegħu.

Il-ġabra tiftaħ b'daħla dwar il-poeżija Maltija ta' V.M. Pellegrini miktuba tajjeb minn Wallace Ph. Gulia, poeta li ismu nafuh biżżejjed fil-poeżija tagħna. "Bjuda Bil-Lejl" ħaddan tliet taqsimiet: "Juvenalia", poeżija miktuba bejn l-1930 u l-1939; "Stasi", vrus midmuma bejn l-1940 u l-1953; u "Attwalità", għana mnebbaħ fis-sentejn 1953-1954. Bejn wieħed u ieħor nistgħu ngħidu li n-numru ta' poeżiji miġburin fit-taqsima "Attwalità", jiġifieri dawk tas-sentejn 1953-54, hu daqs dawk miġburin taħt "Juvenalia" u "Stasi", medda ta' madwar tlieta u għoxrin sena żmien. Il-ġabra tħaddan b'kollox sitta u erbgħin poeżija, b'versi ħielsa aktar milli b'versi tradizzjonali. Il-versi ħielsa tiegħu jixhdu għanjiet ħierġa mill-qalb bla ebda xkiel ta' toqol li jħoss meta jinqeda bi vrus tradizzjonali biex ifisser it-tqanqiliet ta' qalbu u fehemtu.

Il-poeta għamel tajjeb li ġabar taħt tlitt irjus il-poeżija li tebagħ fil-ġabra, għax wieħed li jaqrahom waħda wara l-oħra għandu minnufih jintebaħ bil-għażla li tgħaddi bejn il-vrus bikrija u dawk tal-lum. Jekk il-għana taż-żgħożija u waħdiet minn taż-żmien "Stasi" jintfew meta tqabbilhom ma' dik li tgħannet il-lum, mhux għaġeb, iżda hu minn awl id-dinja, ladarba l-poeta kiber maż-żmien fil-qawwa letterarja tiegħu. Il-poeżija bikrija jekk ma tagħmel xejn, għall-inqas qiegħda hemm biex tagħtina ħjiel dwar kif ħasibha l-bieraħ il-poeta u kif jaħsibha l-lum. Nistgħu ngħidu li jekk wieħed jifli sewwa dak li jrid igħid il-poeta fil-poeżija tiegħu miktuba f'żgħożitu, għandu fl-aħħar mill-aħħar igħid li l-lum hu jagħraf ifisser aħjar u b'qawwa r-ruħ tl-poeżija li ħass matul ħajtu. L-ideal baqa' wieħed, għalkemm jitfisser taħt għamliet differenti: imħabba poetika lejn dak li hu sabiħ u x-xewqa, li tabilfors titnissel ladarba jħobb, li jitwaħħad mal-Ħallieq tas-Sbuħija. Nisimgħuh jistqarr f'"U Nefaħ Fuq it-Tafal":

"Għax il-ġmiel veru jgħolli l-ħsieb
u jgħaqqad
ir-ruħ mar-ruħ,
iġagħlek tħoss ġibda sħiħa u bnina
lejn il-Mulej".

U billi sa minn żgħoritu hu ħass il-għana ta' l-Imħabba tirfidlu 'l qalbu, aktarx li fil-ħsieb poetiku tiegħu waħħad il-fantasija ma' dak li hu ħaj, u hekk l-Imħabba tieħu l-għamla ta' Mara, bħalma jkompli fl-istess poeżija, "U Nefaħ Fuq it-Tafal":

"Mara
fi ħsieb waħdani, bħal żerriegħa, tini,
il-ġmiel li bih int imlibbsa
biex minnu nissel frott il-poeżija
u b'dal-frott biss ma' tul ħajti xebbagħni:"

Kemm meta għanna dal-ħsieb fiż-żgħożija u kemm meta aktar tard kiteb vrus isbaħ fuq il-Madonna, l-ideal baqa' wieħed. Meta jiġi biex jitħaddet fuq l-Imħabba ta' bejn bniedem u ieħor bħal f'"Xofftejn Għat-

sana", "Għalhekk Inħobbok", "Le, Ma Nħobbokx", "Tinbidel Kif Irridek", il-poeta jfittex il-għerq tas-sbuħija akıar mill-qoxra qarrieqa, bħal meta jistaqsi f'"Le, Ma Nħobbokx",

"Iżda x'jiswa dan kollu
jekk ruħ ma għandekx?"

Mela l-għana tiegħu tkanta ħsus qalbu kif titqanqal quddiem Alla il-Mara Mwiegħda, il-Bniedem, u dak li jgħaqqad il-ħsebijiet tiegħu huma l-Imħabba u s-Sbuħija.

F'l-poeżija li kiteb dan l-aħħar, wieħed ma jistax ma jaqbadx li fil-qalb tal-poeta bdiet titrabba ħjiel ta' biża', aktarx ta' qtigħ il-qalb, bħallikieku qalbu tinħass ftit għajjiena mit-tigrib li għaddiet minnu. Il-biża' jistqarrha għax fl'"Irwiefen" igħid.

"Inħossni li għand l-ħajja
iżda narani riesaq dritt lejn mewti,
il-mewt ta' ruħi
għax fil-ġisem b'saħħti".

B'danakollu, ma jinbaramx mid-dwejjaq u jintilef ifittex bla serħan l-ideal tiegħu, għax jitkar f'"Qawsalla Ġdida" li

"Id-dlamijiet mhumiex għal min hu m'Alla"

u fl-egħluq ta' "Ma Ttradejtnix" igħajjat b'wiċċu minn quddiem:

"Ma ttradejtnix, Mulej,
għax fost il-ferħ u l-hena
Int żrajt ukoll in-niket,
u nħossni fid-dulur
miexi warajk, u Int miegħi,
inkaxkar salib bħalek".

"Bjuda bil-Lejl", jiena jidhirli hi ġabra ta' poeżiji li wieħed għandu jilqagħha bil-ferħ għax tweġġeh kemm l-Il-awtur kif ukoll il-Għana Malti. Lil V.M. Pellegrini nifirħulu u nixtiequlu li jkompli jaħdem ħalli jagħtina poeżija isbaħ u aqwa biex il-ġieħ li kiseb, jitqawwielu u jissaħħaħlu.

Il-ktieb hu mitbugħ f'għamla li to'qot l-għajn. Tassew ħasra li għeltijiet ta' l-ortografija, ma għandniex xi ngħidu dawk ta' l-Istampa, tħallew jidhru. Iżda dan jista' jissewwa f'xi ħarġa oħra. Il-qarrejja, mill-bqija, jagħmlu tajjeb jekk iħeġġu lil ħaddieħor biex jiksbu kopja ta' "Bjuda bil-Lejl".

**

**HSIEB U HAJJA** — Ta' P. Mattew Kappuċċin. — Union Press, 1955.

Fl-1951, P. Mattew kien ġa dewwaqna l-ħlewwa tal-poeżija tiegħu bix-xandir tal-"Poema lil S. Franġisk t'Assisi". U bosta drabi smajna versi tajbin minn tiegħu minn fuq ir-Rediffusion jew qrajniehom 'l hawn u 'l hinn f'diversi rivisti reliġjużi jew letterarji. U għalhekk m'aħniex se nippreżentawh issa bħala poeta. Iżda kien dan l-aħħar, bix-xandir ta' l-ewwel ġabra kompita tal-poeżiji tiegħu, li P. Mattew ippreżenta ruħu "ex professo" bħala poeta quddiem il-pubbliku, b'x-xewqa li l-pubbliku jinsiġlu u jqegħidlu fuq rasu l-kuruna tradizzjonali tar-rand. Ittemm

ix-xewqa tiegħu? Aħna ma għandna ebda dubju; imma din hija qabel kollox kwistjoni taż-żmien: bosta drabi min għax ta' poeta nizzel il-kuruna tar-rand f'qabru; kienu dawk li għaxu ta' poeti għal żmien twil wara mewthom li l-kuruna tagħhom baqgħet tħaddar tul is-snin. Għal issa ma nistgħux nagħmlu ħaġa oħra ħlief nobsru, fuq sisien tajba, li P. Mattew ġà naqqax ismu fil-bronz; u dan nobsruh għax fi "Ħsieb u Ħajja" materjal hemm, bizzejjed biex l-awtur ikun jisthoqqlu l-isem ta' poeta "de facto et de iure", kif kitiblu Karmenu Vassallo.

P. Mattew qassam il-poeżiji tiegħu f'ħamsa: "Ħajja", "Qtigħ il-Qalb", "Poeta u Poeżija", "Qsim il-Qalb", u "Reliġjon u Patrja". Għad li f'kull waħda minn dawn it-taqsimiet iltqajna ma' poeżiji sbieħ tassew, jidhrilna li l-aħjar fosthom, dawk li l-aktar għandhom elementi poetiċi, huma l-ewwel, it-tieni u r-raba' taqsimiet, kemm għall-oriġinalità ta' ħsieb u xgħil ta' fantasija, kif ukoll għan-naturalezza tal-versi u s-sengħa ta' l-istil. Il-għażla tas-suġġetti hija watja, ġmielha: il-poeta jimraħ fl-univers, iwaqqaf il-ħarsa għarriexa tiegħu fuq Naħla, Brimba, Nemla, Rizza, Għasfur tal-Bejt, Dudu tal-Ħarir, Żerżur, eċċ., jixħet għajnejh fuq Qamar, Ward, Ċipress, eċċ., u wara li b'daqqa ta' pinzell ta' mgħallem ipinġihomlna fix-xejra naturali tagħhom, jistqarr il-verità qarsa li kulħadd qagħad

Għall-kmand t'Alla...... minbarra l-bnedmin!

vers li jixhed dak il-pessimiżmu li hu l-motiv li l-aktar laqatna f'din il-ġabra u li ta' sikwit iqanqal il-poeżija ta' P. Mattew, motiv negattiv li jġagħlu jħares lejn il-ħajja bħala "wied ta' dmugħ, baħar ta' mrar", tant li jixtieq igħix miġbur waħdu "bħal kieku d-dinja qatt ma jafha għax issa ra b'għajnejh kemm hija ħrafa"; pessimiżmu li jasal fil-quċċata tiegħu f'xi versi ebsin mit-tieni taqsima, bħal fil-poeżiji "Qlub Iebsa", "Il-Bieraħ u l-Lum", "Il-Għanja tal-35 Sena", u oħrajn.

Imma bħala saċerdot, il-poeta ma jħallix li dan il-pessimiżmu jeqridlu kull tama u jidhirlu fid-dlam ta' lejl dejjiemi, għax huwa jaf — u ma jistax jonqos — li t-talb hu l-aqwa duwa għal din il-marda kerha, u kien imħabba t-talb li fl-aħħar intebaħ li

Żernaq il-jum u feġġ id-dawl mistenni.

Madankollu jkollna nistqarru li f'din il-ħaġa l-il-poeta ma sibniehx dejjem u għal kollox konsistenti miegħu nnifsu. Hekk ma stennejnihx li jħalli bla tweġiba waħda mill-mistoqsijiet li jħabblu l-qlub aktarx neqsin mit-tama nisranija: "Iva ġo qalbi — Ġo qalbi biss — Id-dlamijiet?... Ġo qalbi biss — Ma jisbaħ qatt?" Band'oħra jgħanni:

B'jiesi maqtugħ, wieqaf f'nofs triq il-ħajja,
Inħares lura nibki mingħajr sabar,
Inħares 'il quddiem nitmewwet aktar
Xħin nara qribi l-aħħar tama: il-qabar;

versi li, bħal xi oħrajn jixbhuhom, ħallewlna kemmxejn togħma morra fuq xofftejna meta nafu minn liema pinna ġew. Aħna żguri li kwadri bħal dawn ma juruniex fil-verità r-ruħ tal-poeta li, forsi mħabba xi sentimenti minnu mfissrin artistikament (u. ngħidu wkoll, artifiċjalment), ħtieġlu jaħbi l-ġewwien tiegħu u jistqarr li

......bħall-qronfla mżewqa qalbi,
U x'lewn jien ma jaqta' qatt.

Fil-fehma tagħna kien ikun wisq aħjar kieku l-poeta din l-istqarrija ma għamilha qatt biex kien jieħu postu fil-letteratura tagħna bħal enigma ta' sentimenti apodittiċi imma neqsin mir-realiżmu tal-ħajja prattika tiegħu, m'lli waqa' fid-dnub li wriena b'fommu stess ċertu nuqqas ta' sinċerità, ħaġa li tfixkel ħafna l-valur eseġetiku ta' l-opra letterarja tiegħu. Huwa veru li l-poeta jista' sa ċertu pont jipprexindi m'll-ambjent morali li fih ikun igħix, imma qatt m'hu dak psikoloġiku, għax aħna nsostnu li l-poeta mhuwiex biss artista, imma huwa wkoll — u aktar — appostlu ta' ideal personali li jfawwar mil-milja tal-qalb, u mera ċar li ma jirrifletix ħag'oħra għajr dik il-verità fondamentali li hi l-motiv tal-missjoni tiegħu. Kull sentimenti oħrajn, artistikament sbieħ imma spiritwalment mejta, mhumiex ħlief ċpar li jtappnu dan il-mera. Eżempju ta' dan hija dik il-kwartina li fiha l-awtur jistqarr li minn tliet ismijiet (taż-Żgħorija, ta' Patri, u tal-Poeżija) ma jafx igħid liema hu l-isbaħ, fil-waqt li bla dubju ta' xejn huwa jagħżel it-tieni.

B'dawn il-ftit osservazzjonijiet però xejn ma rridu ndellu s-sengħa u l-ħila ta' P. Mattew, u bl-ebda mod ma nixtiequ ngħajbu l-versi tiegħu li intrinsikament għandhom ċertu dinamiżmu li tiltaqa' miegħu fil-poeti t-tajbin. Xi poeżiji narrattivi jew deskrittivi huma tassew sbieħ, bi kwadri ħajjin u mżewqa b'daqqiet liriċi ħelwin, bħal "Id-Diżgrazzja ta' Għawdex", "Il-Ħerba ta' l-Eden". "Għawdex", "Misereor Super Turbam", "Qlub Imfarrdin", u l-ballata patetika "Spiċċat Għal Kollox". Hekk ukoll, qawwijin fl-espożizzjoni dommatika tagħhom huma l-poeżiji "Għanja liċ-Ċipressa tal Kunvent ta' Santa Liberata" u "Il-Ħolqien Mhux Kommunist".

Fl-aħħarnett irridu nifirħu lil P. Mattew talli tana prova li f'din l-era materjalistika, f'dinja li ma għadhiex tapprezza daqs qabel il valuri estetiċi, il-poeżija minn xi qlub żgħażagħ magħżula mhux biss għadha ma metitx, imma l-ħakma tagħha għadha sħiħa u qawwija fuq l-imħuħ tal-maħbubin tal-Muża, minkejja t-theddida ta' bosta fatturi, fosthom dik tal-poeżija moderna, surrealistika u ermetika.

V.B.

**"IL-BARRANI"** — Dramm ta' Erin Serracino-Inglott. — A.C. Aquilina & Co., Edituri, Malta, 1956. pp. 76.

Għoġbu lil Erin Serracino-Inglott imur lura fiż-żminijiet tal-miġja ta' San Pawl f'Malta biex lil-letteratura drammatika Maltija jagħnilha bid-dramm "Il-Barrani". Bħala produzzjoni drammatika miktuba b'versi tat-tnax nistgħu ngħidu li hu tana mudell tat-teknika, jekk mhux ukoll tas-sitwazzjonijiet u argumenti, tat-teatru Grieg u Latin, li fl-Italja (għax f'Malta qajla hemm ma' liema xogħlijiet tqabblu) intuża l-iżjed fiċ-'cinquecento' bla ma taut irnexxa fl-imitazzjoni.

Maħdumin tajjeb il-versi, neħħi l-ħruxija ta' xi kliem, mixgħula ħafna l-fantasija, sabiħa l-istruttura tax-xogħol, meħud kollu kemm hu, fl-iżvolġiment ta' l-argument. Bħala xogħol drammatiku miktub b'versi "Il-Barrani" jkabbar il-fama ta' l-Awtur bħala drammaturgu, imqar jekk id-dramm mhux wieħed minn dawk li, għall-klassiċiżmu tiegħu, jista' jiġbed il-folol kieku kellu jinħadem fuq il-palk.

Għax tabilħaqq, jien inqis din il-produzzjoni drammatika ta' Serracino-Inglott iktarx bħala xogħol ta' studju ta' reqqa u espożizzjoni arkjoloġika lessikali tal-Malti milli bħala mudell ta' stilistika drammatika tal-Malti. Dan jidher hekk meta wieħed iqis il-kliem fossilizzat li bih hu miżgħud il-Malti f'ħalq il-persunaġġi Maltin ta' żmien ir-Rumani fil-Gżira, meta, jiġifieri, il-Maltin kienu iktarx jitkellmu b'ilsien Puniku bħan-nies li dak iż-żmien kienu jgħammru fil-kosta ta' l-Affrika ta' Fuq.

Fil-prefazzjoni ta' l-Awtur deherli li l-motiv li għalih għażel vokabolarju safi kemm jista' jkun kien dak li l-libsa ma tagħmilx għajb lill-epoka ta' l-azzjoni drammatika, ħaġa li, kif jistqarr hu stess, ma tissinkronizzax mal-lsien li bih kienu jitkellmu n-nies tal-Gżira, barbari, kif isejħilhom San Luqa fl-Atti Apostoliċi, jiġifieri lsienhom kien iktarx barrani għall-lsien Grieg jew Latin, imma mill-banda l-oħra lanqas ma kien ilsien li l-Maltin kienu, u għadhom, jitkellmu bih minn żmien il-Għarab.

Il-fatt illi tuża kliem safi fi dramm klassiku hija ħaġa, bliex ngħid hekk, wisq inerenti għal xogħol drammatiku bħal dak ta' "Il-Barrani". Sa hawnhekk qbilna jien u xi kritiċi oħra li ġibtilhom l-eżempju ta' Gabriele d'Annunzio li fil-"Francesca da Rimini" imita l-istil, il-frażjoloġija u saħansitra l-vokabolarju treċentist, ħaġa li ma ħolomx jagħmilha Silvio Pellico meta kien kiteb it-traġedja fuq l-istess argument. Iżda dan ma setax isir f'"Il-Barrani" għax, għalkemm tinqeda bl-eqdem ilsien Malti tal-lum, dan ma jaqbel qatt ma' l-epoka ta' l-argument.

Għalkemm jidher li hu mgħallem tal-versi, l-Awtur kultant ixekkel ir-ritmika u jdennes il-mixja u l-armonija tal-vers minħabba xi espressjoni safja, mġebbda u oskura. Xi kliem ma jagħtix impressjoni feliċi f'xogħol ta' din is-sura minħabba li l-lum intilef għal kollox u ilu mitluf is-snin il-kbar; fdalijiet lessikali ta' forom eterodossi, li minnhom l-Awtur, kif jidher, fassal xi neoloġiżmi fuq dawk li nsibu fid-dizzjunarju ta' A.E. Caruana, li bihom, meta tużahom, ngħid għalija, inħoss li fil-vers tonqos l-arti u jiżdied l-artifizzju.

Serracino-Inglott ħassejtu jintilef fil-lussu ta' vokaboli antekwati li donnu ried jerġa' jagħtihom il-ħajja tagħhom f'epoka li deherlu li taqbel ma' l-azzjoni drammatika tagħhom. Sa ċertu pont kien ikun iżjed f'waqtu li kieku uża daqsxejn waħda iżjed sens ta' proporzjon artistiku, bħalma għamlu xi drammaturgi oħra f'xi azzjonijiet ta' epoka qadima ta' l-istorja.

'L hawn u 'l hinn l-Awtur jidher li jħobb juża espressjonijiet u kliem ta' fasla Għarbija kontra l-fonetika Maltija. Il-fonetika Maltija f'ċerti kliem ma tistax tinfeda b'oħrajn oriġinali li la jafu ż-żmien tal-ġrajja u lanqas dak ta' l-influwenza Għarbija.

'L hawn u 'l hinn ukoll sew fl-interpretazzjoni narrativa tax-xeni kemm f'ħalq il-persunaġġi, insibu xi espressjonijiet ftit u xejn idjomatiċi li jtiefsu s-serjetà tal-lingwa f'xogħol klassiku bħalma huwa dan id-dramm.

Ħaġa oħra, li laqtet l-attenzjoni ta' min fela n-noti li hemm fil-ktieb, hija xi riferenza għal Dr. A. Caruana u għal A.E. Caruana, bħala awtoritajiet li jgħidu li l-post ta' l-Imnajdra (u, m'għandna xi ngħidu xejn, postijiet oħra qodma ta' l-istess għamla), huwa fdal tal-Feniċi

għall-qima ta' l-allat tagħhom. It-teorija ta' l-arkjoloġi tal-lum hija li postijiet bħal dawn huma pre-istoriċi. Jista' jkun li l-Feniċi jew Puniċi baqgħu jużawhom, u għa hekk ukoll in-nies ta' żmien il-ħakma Rumana, (in-nuqqas ta' iskrizzjonijiet Puniċi f'dan il-bini qadim ma jweġġaq xejn din il-fehma); imma huwa fatt li dawk il-monumenti huma hekk imbegħdin mill-Feniċi jew Puniċi daqskemm aħna mill-istess Feniċi. Dan id-daqsxejn ta' anakroniżmu, madankollu, ma jtellef xejn mil-merita letterarju tad-dramm.

L-iktar bċejjeċ, li fihom l-Awtur wera teknika partikulari (ueħħi l-puriżmu ta' kliem) u id-dramm jagħtuh il-preġju artistiku, huwa fejn "Il-Barrani", fl-ewwel taqsima, jitħaddet fuq il-ġrajjiet koroh ta' missieru, il-mirbuħ sultan ta' Kreta, u ċ-ċerimonja ritwali tad-debħa taxxbejba Lydia fuq l-artal ta' Afrodite fejn id-deskrizzjonijiet tad-drawwiet qodma ta' Greċja huma maqlugħin b'reqqa bi kwadri artistiċi.

It-tieni taqsima, fix-xena bejn il-Barrani u Safja, hija iżjed maqlugħa mill-ewwel taqsima f'xeni oħra għal dik li hi teknika teatrali. Fiha d-djalogu huwa iżjed mexxej, ħafif u jaqbel mas-sentimenti psikoloġiċi fiż-żewġ persunaġġi fil-mumenti l-iktar emozzjonanti u drammatiċi b'inkejja tat-tul li ma jtellef xejn mill-ħajja tad-djalogu. Il-karatterizzazzjoni ma fihiex xi tmaqdar u f'kull persunaġġ hija miżmuma millbidu sa l-aħħar.

Fl-aħħarnett nistgħu ngħidu li fost it-tliet drammi li kiteb s'issa l-Awtur, "Il-Barrani" naħseb li jkun l-inqas popolari, imma l-iżjed importanti fil-kontroversja li jista' jaqla'.

Ċertament il-kontroversja tkun ta' siwi għall-istadju tal-Isien Malti u ta' ġieh ikbar lil Serracino-Inglott. Ma hemm ebda dubju li "Il-Barrani" mhux opra ta' min ma japprezzahiex għall-argument oriġinali u idejiet fantastiċi u għat-trama tas-suġġett u żvolġiment tagħha. Fl-istorja tal-letteratura drammatika Maltija dan id-dramm, meħud kollu kemm hu, jista' jitqies li hu wieħed mill-ewwel mudelli ta' oriġinalità ta' xogħlijiet drammatiċi Maltin.

c.a.m.

## KRONAKA TA' "IL-MALTI"

### BDIL TA' INDIRIZZI

Billi xi abbonati ta' "Il-Malti" ma għadhomx joqogħdu bid-dar fl-indirizz tas-soltu xtaqna li huma jgħarrfu lit-Teżorier, is-Sur VICTOR APAP, 22, Triq It-Torri, Tas-Sliema, bl-indirizz il-ġdid tagħhom biex "Il-Malti" ma jitraġġax lura mill-Posta.

Xtaqna wkoll illi dawk li soltu kienu jirċievu "Il-Malti" fl-Uffiċċju jew fid-Dipartiment **fejn kienu jaħdmu,** jgħarrfu wkoll lit-Teżorier **bl-indirizz tad-dar tagħhom.**

JINBIEGH 1/-